**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR.IMĦALLEF NEVILLE CAMILLERI**

**Illum l-Erbgħa 25 ta' Jannar 2023**

**Att ta' Akkuża Nru. 09/2017**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Malcolm Joseph Falzon**

Il-Qorti,

**1.**Rat l-Att ta'l-Akkuża miġjuba kontra l-akkużat Malcolm Joseph Falzon detentur tal-karta ta'l-identita' numru 0116569M fejn l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkużah talli:

i. **Fl-Ewwel Kap**, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha) u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

ii. **Fit-Tieni Kap,** ittenta li jagħmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi (Kap 101) (traffikar tad-droga), jew ħajjar jew ġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat.

iii. **Fit-Tielet Kap,** f'dawn il-Gżejjer fit-3 ta' Mejju elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel din id-data, assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta u/jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta (resina tal-cannabis) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

iv. **Fir-Raba' Kap,** fit- 3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel din id-data, ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża.

v. **Fil-Ħames Kap,** talli, fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) kellu għal xi żmien fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**2**. Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużat Malcolm Joseph Falzon fit-03 ta' Ottubru 2017.

**3**. Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fid-19 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ħames eċċezzjoni tal-akkużat billi din ġiet minnu rtirata, ċaħdet l-kumplament ta'l-eċċezzjonijiet l-oħra.

**4**. Rat ir-rikors ta'l-appell imressaq mill-akkużat Malcolm Joseph Falzon fl-24 ta' Mejju 2022 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma laqgħetx it-tieni u is-sitt eċċezzjoni minnu sollevati u tikkonfermaha fil-bqija.

**5**. Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-08 ta' Ġunju 2022 fejn talab lil Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fid-19 ta' Mejju 2022.

**6**. Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant Malcolm Joseph Falzon.

**7**. Rat l-atti kollha tal-kawża.

**8.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat,**

**9**. Illi l-appell ntentat mill-akkużat Malcolm Joseph Falzon huwa ċirkoskritt għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn kienu miċħuda it-tieni u is-sitt eċċezzjonijiet minnu sollevati fin-Nota ta'l-Eċċezzjonijiet tiegħu. Ma jqanqal ebda oġġezzjoni għas-sentenza appellata fil-bqija tagħha fejn din ċaħħdet ukoll l-eċċezzjonijiet l-oħra minnu miġjuba 'il quddiem.

**10**. Illi fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-appellant eċċepixxa in-nullita tat-Tieni Kap ta'l-Att ta'l-Akkuża in kwantu l-akkuża ipotiżżata f'dan il-kap, fil-fehma tiegħu, ma kenitx tikkostitwixxi reat fil-liġi u dan billi l-parti akkużatorja ta' dan il-kap jirrifletti dak dispost fl-artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema disposizzjoni tal-liġi tikkostitwixxi deroga għar-regola ġenerali dwar il-piena li tkun tista' tiġi inflitta għat-tenattiv ta' kummissjoni ta' reat, kif kontenuta fl-artikolu 41(1)(a) u fl-artikolu 48A(3) tal-Kodiċi Kriminali. Abbinat ma' dan l-ilment, l-appellant jikkontendi ukoll illi it-tentattiv ta' traffikar ta' droga *ut sic* ma huwiex reat.

**11**. Il-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk dwar din l-eċċezzjoni:

> **25. L-Avukat Ġenerali kien ċar fil-parti narrativa dwar liema fatti huwa kien qiegħed jirreferi għalihom bħala li kienu bi ksur tal-Ordinanza u proċeda fil-parti akkużatorja**

> **biex xela' lill-akkużat bit-tentattiv ta' dak ir-reat – f'dan il-każ tentattiv ta' traffikar ta' droga cannabis. Dan jassigura li l-akkużat kien jaf sewwasew biex huwa kien qiegħed jiġi mixli. Fi kwalunkwe każ, l-artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi l-istess piena għall-min jinsab ħati tar-reat kontra l-Ordinanza anke għal dak li jiġi misjuba ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat.**
>
> **26. Din il-Qorti pero, wara li rat l-artikolu 599 tal-Kodiċi Kriminali, u ġaladarba bis-saħħa tal-artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ġja ċitat fl-att tal-akkuża u stante li minħabba f'dan l-artikolu l-posizzjoni tal-akkużat mhix se tiġi aggravata, għal fini ta' iżjed kjarezza, qegħda tordna l-korrezzjoni tal-att tal-akkuża billi fil-parti akkużatorja tinkludi wkoll ir-riferenza għall-artikolu 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tal-artikoli 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 2, 4(a), 9, 15 u 16 tal-Liġi Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta ossija n-Notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939, kif emendata.**

**12**. L-appellant fl-aggravju minnu ntentat jilmenta illi ġaldarba fil-parti narrattiva ta'l-Att ta'l-Akkuża l-Avukat Ġenerali jindika illi d-droga li kienet ser tiġi traffikata kienet ir-raża tal-*cannabis*, għalkemm ma jsemmi ebda tip ta' droga imbagħad fil-parti akkużatorja, l-korrezzjoni magħmula mill-Qorti Kriminali fit-termini ta'l-artikolu 599(2) tal-Kodiċi Kriminali kienet waħda żbaljata billi it-traffikar tar-raża tal-*cannabis* huwa ikkontemplat fl-artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, liema artikolu tal-liġi la ġie ndikat mill-Avukat Ġenerali fil-parti akkużatorja u wisq anqas ġie miżjud mill-Qorti Kriminali meta ordnat il-korrezzjoni għal dan il-kap tal-akkuża. Iqis għalhekk li ma jistax isir tentattiv biex jkun salvat kap tal-akkuża li huwa evidentement null.

**13**. Illi huwa inkontestat illi l-appellant jinsab mixli b'reat li jaqa' taħt l-Ordinanza dwar id-droga u ċioe' il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa minn qari ta'l-Att ta'l-Akkuża, u b'mod speċjali minn qari tal-parti narrattiva tat-Tieni Kap, huwa wkoll inkontestat illi l-fatti narrati jitkellmu dwar it-traffikar tad-droga *cannabis* jew tar-raża meħuda mill-istess pjanta u dan meta l-Avukat Ġenerali jirrakonta illi parti mis-sitt kilos raża tal-*cannabis* li nstab fil-pussess ta' ċertu Carmelo Luca kienet destinata għall-

appellant, skont informazzjoni mogħtija lill-pulizija mill-istess Luca, u skont provi ċirkostanzjali oħra, li kienu ndikattivi illi l-appellant kien ser jirċevi din id-droga bl-intenzjoni li jittraffika l-istess.

**14**. Jirriżulta ukoll illi fit-Tieni Kap tal-akkuża l-appellant ġie mixli bit-tentattiv tat-traffikar ta' droga li fih innifsu jikkostitwixxi reat ikkunsmat. L-appellant jilmenta illi meta f'dan il-kap l-Avukat Ġenerali jindika illi r-reat huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta naqas milli jindika d-disposizzjoni tal-liġi li tikkontempla r-reat li dwaru huwa kien mixli, billi din id-disposizzjoni tal-liġi titkellem biss dwar il-piena konsegwenzjali għal kummissjoni tar-reat, liema piena tikkostitwixxi deroga għal piena maħsuba fil-liġi penali għat-tentattiv, u ċioe' dik imfassla fl-artikoli 41 u 48A tal-Kodiċi Kriminali fejn f'dawn l-artikoli tal-liġi hemm dispost illi l-awtur tar-reat mhux ikkunsmat jeħel il-piena għar-reat imnaqqas bi grad jew tnejn. Iqies għalhekk illi dan jikkostitwixxi nuqqas ta' osservanza mill-Avukat Ġenerali ta' dak dispost fl-artikolu 589(d) tal-Kodiċi Kriminali li jwassal neċessarjament għal nullita' fl-Att ta'l-Akkuża. Iqies ukoll, kif ingħad, illi il-korrezzjoni ordnata mill-Qorti Kriminali lanqas ma issanat dan id-difett billi ma ġiex indikat l-artikolu tal-liġi fl-Ordinanza li jikkontempla ir-reat tat-traffikar tar-raża tal-*cannabis* u ċioe' l-artikolu 8(b) tal-Kap.101.

**15**. Issa huwa minnu illi l-artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-reati dwar id-droga, jeleva l-att inkriminatorju konsistenti biss fit-tentattiv, għal dak ta' reat ikkunsmat. Huwa minnu ukoll, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti, illi din id-disposizzjoni tal-liġi waħedha ma titkellmix fuq ir-reat fih innifsu.

**16**. Illi l-parti akkużatorja tat-Tieni Kap jaqra hekk:

> **Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi akkużat Malcolm Joseph Falzon, ħati talli ittenta li jagħmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi (Kap 101) (traffikar tad-droga), jew ħajjar jew ġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro**

**(€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 22(5), 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.**

**17**. L-artikolu 22(5) tal-Kap.101 jaqra hekk:

**Kull min jittenta jagħmel reat kontra din l-Ordinanza, jew iħajjar jew iġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat, jeħel, meta jinsab ħati, mingħajr preġudizzju ta' kull responsabbiltà oħra, l-istess piena u konfiska daqs li kieku ikkommetta reat taħt din l-Ordinanza.**

**18**. Minbarra din id-disposizzjoni tal-liġi, madanakollu, l-Avukat Ġenerali fit-Tieni Kap tal-Akkuża jixli **ukoll** lill-appellant taħt id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 22(1)(a)(f) tal-Ordinanza, li jiddisponu:

**1) Kull min –**
**(a) jikser jew jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza; jew**
**(f) jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffikamediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi,jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni,**
**ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza**

Dan ifisser illi l-fatti narrati mill-Avukat Ġenerali ċertament kienu jaqgħu sewwasew taħt id-disposizzjonijiet tal-liġi minnu ndikati fil-parti akkużatorja tal-kap ta'l-akkuża u dan għaliex huwa indubitat illi l-appellant qiegħed jiġi mixli illi kiser id-disposizzjonijiet ta'l-Ordinanza fejn fosthom hemm dik id-disposizzjoni li titkellem dwar it-traffikar tal-*cannabis* u tar-raża meħuda minn din il-pjanta (artikolu 8(b) tal-Ordinanza), liema reat ġie mwettaq allegatament b'assoċjazzjoni ma' persuna jew persuni oħra, liema traffikar madanakollu ma seħħx minħabba li l-appellant kien interċettat mill-pulizija sabiex b'hekk l-att vjolattiva jaqa' taħt dak dispost fl-artikolu 22(5) tal-Ordinanza fejn it-tentattiv tat-traffikar tad-droga huwa meqjus bħala reat ikkunsmat u għalhekk jirċevi il-piena sħiħa kontemplata għal dan ir-reat.

**19**. Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, illi lanqas kien hemm il-ħtieġa mill-Qorti Kriminali li tordna korrezjoni f'dan il-Kap ta'l-Akkuża billi ma jirriżultax li kien hemm xi ksur ta' dak dipost fl-artikolu 589(d) tal-Kap.9, kif jikkontendi l-appellant, għalkemm kien ikun aħjar li kieku l-Avukat Ġenerali indika ukoll id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 8(b) tal-Kap.101.

**20**. Illi fuq kollox anke jekk, *gratia argomenti,* din il-Qorti kellha tagħti raġun lill-appellant, u ċioe' illi l-mod kif inhu miġjub jew imfisser ir-reat fil-parti akkuzatorja ta' dan il-Kap ma jissodisfax dak rikjest fis-subinċiz (d) għall-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali, madanakaollu tali difett huwa sanabbli u ma jwassalx neċessarjament għan-nullita' tal-kap tal-akkuża. Ibda biex, ma jirriżutax illi hemm ksur tas-subiniciz (c) għall-artikolu 589 billi, kif tajjeb tikkonkludi l-Qorti Kriminali il-kap tal-akkuża fih bizzejjed dettalji biex jissodisfa dan id-dispost tal-liġi, tant illi l-appellant jista' jifhem sew b'liema fatti qed jiġi akkużat. Illi l-leġislatur stess ried illi kwalunkwe difett fl-Att ta'l-Akkuża seta' jiġi ssanat kif hemm maħsub u mfassal fl-artikoli 597 sa 599 tal-Kodiċi Kriminali li fihom hemm enkapsolat il-mekkanizmu dwar kif jista' jkun sanat kull difett li jista' talvolta jemerġi fl-att ta'l-akkuża u anke f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-akkużat qiegħed jirriavviża in-nullita' tal-istess. Dan diment illi tali korrezzjonijiet ma jirrendux l-akkuża aktar gravuża.

> **" L-artikolu 597 (1) tal-Kodici Kriminali jaghti d-dritt lill-Qorti *ex officio* illi purche' ma jizdied xejn fl-att ta' l-akkuza li jkun jista' jaghmel izjed gravi r-reat, taghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega. Una volta li l-Qorti Kriminali ma tkunx sodisfatta li l-*iter* tal-gustizzja jkun sejjer jigi servut ahjar bil-mod li l-Avukat Generali jkun qed jitlob tali korrezzjoni, jkollha kull dritt li tassigura li l-att ta' l-akkuza jigi korrett in sintonija mad-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kodici Kriminali.[1]**
> **"Il-kriterju principali, jekk mhux uniku, li a bazi tieghu ghandu jigi stabbilit jekk bil-korrezzjoni mitluba r-reat isirx aktar gravi hija l-piena kif stabbilita mill-ligi.[2]"**

---

[1] Ara App. Krim – Ir-Repubblika vs Domenic Zammit et – deċiża 31/07/1998
[2] Ara App.Krim – Ir-Repubblika vs Carmel sive Charles Farrugia et – deċiża 24/10/1986

**21**. Dan ifisser illi l-appellant ma għandux raġun f'dan l-ewwel aggravju minnu ntentat, mhux biss għaliex id-disposizzjonijiet tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fil-parti akkużatorja jirriflettu r-reat li bih l-appellant ġie mixli u ċioe' it-traffikar ta' droga bi ksur tal-artikolu 8 tal-Ordinanza fil-forma tat-tentattiv tal-istess, iżda ukoll għaliex dan ir-reat jemerġi minn dak rakkontat mill-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva tiegħu, tant illi kif tajjeb tikkonkludi il-Qorti Kriminali l-appellant seta' jifhem ir-reat li dwaru huwa kien qed jiġi mixli. Illi madanakollu għal kompletezza ta' dan il-kap tal-akkuża il-Qorti qed tordna illi b'żieda mal-artikoli tal-liġi ndikati fil-parti akkużatorja ta' dan it-Tieni Kap, jiżdied ukoll l-artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan bis-setgħa mogħtija lilha bil-liġi fl-artikolu 599(2) tal-Kodiċi Kriminali li jissewwa "kull żball fir-riferenza għall-artikolu ta' dan il-Kodiċi, jew ta' liġi oħra li ssemmi l-piena li l-applikazzjoni tagħha tkun ġiet mitluba fl-att tal-akkuża," u dan sakemm tingħata s-sentenza finali.

Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

**22.** Illi fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti erronjament caħdet s-sitt eċċezzjoni minnu mqanqla rigward l-inammissibilita` ta' kull dikjarazzjoni u xiehda magħmula minn Joseph Zerafa f'perijodu meta hu kien ko-akkużat flimkien mal-appellant.

**23**. Illi l-Qorti Kriminali, wara li għamlet referenza għal ġurisprudenza in materja ikkonkludiet hekk:

> **i) Bħala regola fi proċeduri kriminali mibdija taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa possibbli li ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi jagħmel konfessjoni bil-ġurament quddiem Maġistrat Inkwirenti;**
> **ii) Din id-dikjarazzjoni ġuramentata tista' sservi ta' prova fi proċeduri kriminali in kwantu tali xhieda hija ammissibbli u valida dment li tkun magħmula skont id-dettami tal-Artikolu 30A tal-imsemmi Kapitolu;**

iii) L-istess dikjarazzjoni ġuramentata tista' anke tkun ta' preġudizzju għal ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi ieħor peress li l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni biss għar-regola msemmija fl-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali;
iv) Dik ix-xhieda hija ammissibbli allavolja meta ssir id-dikjarant ikun għadu meqjus bħala ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu li jkunu għadhom subjudice;
v) Id-dikjarant irid pero imbagħad jixhed fil-proċeduri kriminali li jkunu inbdew kontra l-persuna jew persuni involuti f'xi reat kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
vi) Dan id-dikjarant jista' jagħżel li ma jixhedx matul il-kors tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja dment li l-proċeduri li jkunu ttieħdu fil-konfront tiegħu jkunu għadhom pendenti kontra tiegħu u dan sabiex ma jinkriminax ruħu;
vii) Iżda meta l-proċeduri kontra tiegħu jkunu ġew konklużi b'mod finali u konklussiv, bħala regola, id-dikjarant ikun irid jinġieb biex jixhed fil-proċeduri kontra l-ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi billi jinstemgħa viva voce fil-proċeduri kriminali;
viii) Dawn il-proċeduri kriminali jistgħu jkunu dawk istruttorji jew dawk ta' ġurisdizzjoni. Fejn ma jkunx possibbli għad-dikjarant li jixhed quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex ma jinkriminax ruħu, huwa jkun irid pero jinġieb jixhed quddiem il-Qorti li jkollha ġurisdizzjoni tiddeċiedi l-każ;
ix) Iżda fejn għal xi raġuni, fl-istadju tal-proċeduri quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ma jkunx possibbli li d-dikjarant jinġieb biex jixhed viva voce minħabba li jkun evidenti lil Qorti li dik ix-xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud jew jekk ix-xhud ikun mejjet, jew ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab, ix-xiehda kemm favur kif ukoll kontra l-akkużat meħuda fl-istadju istruttorju tista' tinġieb bi prova u dan peress li anke f'dan il-kuntest ġie deċiż li japplikaw dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) tal-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali;
x) Fil-frattemp pero, sakemm ikun għadu ma xehedx fil-proċeduri penali kontra t-terzi – kemm fl-istadju istruttorju daqskemm f'dawk ta' ġurisdizzjoni - ma jfissirx li d-dikjarazzjoni bil-ġurament tiegħu mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta tkun inammissibbli bħala prova jew li fuqha ma tistax tistrieħ teżi akkużatorja;
xi) fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li l-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżhnu b'kawtela x-xiehda li dak ix-xhud jagħti qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat;
xii) jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra d-dikjarant, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali.
44. Din il-Qorti tqis li għandha timxi ma din il-ġurisprudenza anke f'dan il-każ, b'riferenza għax-xiehda mogħtija minn Joseph Zerafa

**24**. Illi minn eżami tal-atti tal-Istruttorja jirriżulta illi x-xhud Joseph Zerafa kien implika lill-appellant bħala wieħed minn dawk il-persuni involuti fil-konġura kriminali dwar traffikar ta' 'il fuq minn hames kilos raza tal-*cannabis*, u dan permezz ta stqarrija ġuramentata mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Doreen Clarke nhar l-20 ta' Jannar 2010. Ix-xhud Zerefa imbagħad jiddeponi mill-ġdid quddiem il-Qorti Istruttorja fl-1 ta' Ġunju 2016 kif ukoll fit-13 ta' Lulju 2016.

**25**. L-appellant f'dan it-tieni aggravju, għalkemm jikkonċedi illi ix-xhud Joseph Zerafa, f'dan l-istadju, huwa xhud ammissibbli, iżda jinsisti illi il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz tax-xiehda ġuramentata tiegħu u kull dikjarazzjoni oħra minnu magħmula fil-perijodu ta' żmien meta kien għadu meqjus bħala ko-akkużat flimkien mal-appellant, u ċioe' meta l-proċeduri penali fil-konfront tiegħu kienu għadhom mhux magħluqa, huma inammissibbli u dan b'applikazzjoni *contrario senso* tal-artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk jinsisti illi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma għandha issir ebda referenza għal din il-prova jew għal dawn id-dikjarazzjonijiet magħmula mix-xhud Zerafa meta kien għadu passibbli għal proċeduri penali u għalhekk għal piena oneruża, fatt li seta' wasslu sabiex ikun inklinat jew interessat li jaltera il-verita' biex jaħbi jew inaqqas ir-responsabbilta' tiegħu billi jakkolla din ir-responsabbilta' jew ħtija fuq l-appellant. Jikkritika s-sentenza appellata fejn din qieset ir-raba' u is-sitt eċċezzjonijiet minnu ventilati flimkien, peress illi din il-vertenza ma għandha xejn x'taqsam mal-posizzjoni tal-kompliċi, iktar u iktar meta l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel eċċezzjoni għar-regola stabbilita fl-artikolu 661[3] tal-Kodiċi Kriminali, iżda mhux ukoll għal dak maħsub fl-artikolu 646(1)[4] tal-imsemmi Kodiċi u għar-regola applikata *contrario senso* tal-artikolu 636(b)[5].

---

[3] Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.

[4] Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u *vivavoce*

[5] Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed.

**26**. Issa huwa prinċipju stabbilit tad-dritt penali illi il-ko-akkużat ma huwiex xhud kompetenti biex jixhed fil-proċeduri penali kontra l-ko-akkużat tiegħu, u dan qabel il-każ tiegħu igħaddi in ġudikat. Illi fil-fehma tal-Qorti ir-risoluzjoni għal dan il-*quaestio iuris* tinsab fid-diċitura ta'l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> **"Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta'vantaġġi."**

**27**. Illi l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar il-konfessjoni magħmula mill-awtur ta' reat kriminali li tista' tinġieb bħala prova fil-proċess kriminali BISS kontra dik il-persuna, u allura ma tiswiex bħala prova kontra xi persuna jew persuni oħra li jistgħu jissemmew f'dik il-konfessjoni u li allura jistgħu jkunu ġew implikati fil-kummissjoni tar-reat. Madanakollu, meta l-leġislatur fassal l-artikolu 30A tal-Kap.101, ried jagħti għodda ġdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat fit-termini tad-disposizzjoni tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali. Illi li kieku din il-prova ma tiswiex, kif jikkontendi l-akkużat, sakemm il-proċeduri tal-ko-akkużat ikunu għaddew in ġudikat, kien jonqos il-bżonn illi tinħoloq din id-disposizzjoni tal-liġi espressament b'deroga għar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-artikolu 30A tal-Kap.101 fil-fatt (minbarra ix-xiehda li issir fil-qorti) jitkellem fuq dik id-dikjarazzjoni ikkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, bl-implikazzjoni allura illi l-proċeduri penali fil-konfront ta' dik il-persuna ma jkunux għadhom ittieħdu jew ma jkunux magħluqa. Jiddisponi fuq kollox illi tali dikjarazzjoni jew xiehda tista' tinġieb bi prova kontra **<u>persuna oħra akkuzata bir-reat</u>**, li tista' tfisser biss illi fil-mument li ssir dik id-dikjarazzjoni jew tingħata dik ix-xiehda, il-persuna l-oħra għadha titqies bħala persuna akkużata miegħu bil-kummissjoni tar-reat. Illi din id-diċitura adoperata mill-leġislatur, għalhekk, fiha

nnifisha tikkostitwixxi deroga għal prinċipji ġenerali imfassla fil-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar il-figura tal-ko-akkużat u allura ukoll għal dawk indikati mill-appellant fl-aggravju tiegħu. Illi dan isir dejjem bis-salvagwardja li l-ġurisprudenza, kemm dik nazzjonali kif ukoll dik ewropeja, titkellem dwarha b'insistenza, u dan sabiex ikun imħares b'mod sħiħ il-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq, bid-difiża ikollha jedd sħiħ ta' kontroll fuq dak mistqarr minn dan ix-xhud li jrid jinġieb fil-qorti biex isirlu l-kontro-eżami, ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi kkontemplati espressament fil-liġi meta xhud ma jistax hekk jinġieb, u dan kif superjorment deċiż fis-sentenza "Gravina"[6].

**28**. Illi l-QEDB fil-kawza ***Kostovski v. Netherlands*** (20 ta' Novembru, 1989) qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud miġjub kontra tiegħu *"does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings."*

> ***"93. The Court reiterates that the term "witness" has an "autonomous" meaning in the Convention system. Thus, where a deposition may serve to a material degree as the basis for a conviction, then, irrespective of whether it was made by a witness in the strict sense or by a co-accused, it constitutes evidence for the prosecution to which the guarantees provided by Article 6 §§ 1 and 3 (d) of the Convention apply (see Lucà, cited above, § 41, and Rudnichenko v. Ukraine, no. 2775/07, § 102, 11 July 2013). Alleged accomplices in an offence (convicted in prior proceedings) are also to be regarded as witnesses, for the purposes of Article 6 § 3 (d), when their statements are brought before the court who takes account of them in deciding the case against the applicants (see Mild and Virtanen v. Finland, nos. 39481/98 and 40227/98, § 43, 26 July 2005).***
>
> **……**

[6] Il-Pulizija vs. Pierre Gravina deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Mejju 2006 per Prim'Imħallef Emeritus Vincent De Gaetano

*96. In this connection, the Court observes that the wording of Article 6 § 3 (d) provides "for an accused to examine or have examined witnesses against him". In the Court's view once a co-accused or other accomplice makes statements incriminating another person (i.e. the accused), the former inevitably becomes "a witness against him" and should expect to be confronted by the accused as well as to be compelled to appear at trial for such purpose. Indeed, the absence under national legislation of any means to ensure the attendance of the accusers (charged with the same crime), for the purposes of examination, can be considered inadequate and can contribute to a finding of a violation of the rights of the accused (see, for example, Mild and Virtanen, cited above, §§ 46-48). However, the Court emphasizes that the status of "witness" given to a co-accused or an alleged accomplice (tried separately) does not detract from their own rights as accused persons or criminal suspects, including that of the privilege against self-incrimination (see, by implication, Cabral, cited above § 34). Indeed, such witnesses may be compelled to appear for the purposes of cross-examination but they cannot be compelled to give evidence.[7]"*

**29.** Illi allura spjanati dawn il-prinċipji ta dritt u l-interpretazzjoni ġurisprudenzjali lilhom mogħtija, l-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma tal-appellant illi din il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz tax-xiehda ġuramentata tal-ko-akkużat jew tad-dikjarazzjonijiet minnu magħmula fiż-żmien qabel ma jkunu ntemmew il-proċeduri penali kontra tiegħu huma inammissibli bħala prova, u dan għaliex il-liġi stess b'deroga għar-regoli ġenerali tqies dawn id-dikjarzzjonijiet jew konfessjonijiet bħala prova valida kontra l-ko-akkużat. Dan jerġa' jingħad b'ħarsien sħiħ għad-drittijiet tal-akkużat li jkollu smigħ xieraq u proċess ġust fil-qorti, bil-jedd li jkollu difiża adegwata b'rispett lejn il-prinċipju tal-kontradittorju.

**30**. Kif tajjeb tisħaqq il-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata, l-ġurisprudenza in materja dejjem saħħqet illi:

**"... Tajjeb, pero`, li jiġi senjalat illi jekk, għal xi raġuni jew oħra l-imsemmijin żewġ xhieda ma jixhdux waqt il-ġuri, u allura l-akkużat ma jkollu qatt l-opportunita` li jikkontro-eżamina dawn ix-xhieda, l-istqarrijiet ġuramentati tagħhom ma jkunux jistgħu jittieħdu bħala prova tal-kontenut tagħhom[8]."**

---

[7]CASE OF ODDONE AND PECCI v. SAN MARINO – final 17/01/2020 – applications number 26581/17, 31024/17
[8]App. Krim - 13 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Paul Muscat

Għaldaqstant il-Qorti ma tista' ssib xejn x'tiċċensura fil-konkluzjonijiet milħuqa mill-Qorti Kriminali u għalhekk anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan illi wara li rat l-artikolu 599(2) tal-Kodiċi Kriminali tordna illi b'żieda mad-disposizzjonijiet tal-liġi indikati mill-Avukat Ġenerali fil-parti akkużatorja tat-Tieni Kap tal-Att ta'l-Akkuża, u ma' dawk miżjuda mill-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata, għandu jiżdied l-artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali sabiex il-każ kontra l-appellant Malcolm Joseph Falzon jipproċedi skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Neville Camilleri**